**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tiċħad l-oppożizzjoni ta' Capri Sun AG;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Lulju 2023 – Ausnit, Olariu și Asociații vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-397/23)**

(2023/C 304/38)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ausnit, Olariu și Asociații SRL (Lugoj, ir-Rumanija) (rappreżentant: F. Irimia, avukat)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-10 ta' Mejju 2023, C (2023) 3232 final.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni hija mingħajr bażi legali, billi ngħatat b'interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu II.19.1(f) tal-ftehim ta' għotja, flimkien mal-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 966/2012 applikabbli għall-ftehim skont l-Artikolu 279(3) tar-Regolament Nru 1046/2018.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ngħatat bi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità hekk kif stabbilit fl-Artikolu 135 tar-Regolament Nru 966/2012 b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu II.27.6. tal-ftehim ta' għotja, bi ksur tal-Artikolu II.25.4 tal-ftehim, u bi ksur tal-Artikolu 5 TFUE u tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll addizzjonali Nru 2.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2023 – LG *et* vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-730/22)** ([1])

(2023/C 304/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 35, 30.1.2023.